2024/2502

24.9.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/2502

tat-23 ta' Settembru 2024

li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK tal-31 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK.

(2) Wara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-209/22 [2], jenħtieġ li titħassar entrata waħda mil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi li tinsab fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2013/255/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

Z. FELDMAN

---

[1] ĠU L 147, 1.6.2013, p. 14.

[2] Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla Estiża) tas-17 ta' Lulju 2024, *Shahla Makhlouf vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, T-209/22, ECLI:EU:T:2024:498

ANNESS

L-entrata li ġejja titħassar mil-lista li tinsab fit-Taqsima A (“Persuni”) tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK:

“320. Shalaa Mohammed MAKHLOUF”.